MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 899/2008

**It-tabib Dottor Francis Saliba u t-tabib Dottor Joseph Saliba kemm f'ismu *proprio* kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Susan u Maryanne aħwa Saliba.**

**vs**

**1) C. Boffa Company Ltd.**

**2) The Three D's Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 ta' Settembru, 2008 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond numru: 21/1, Niger Flats, Wilga Street, Paceville;

Illi permezz ta' kuntratt ta' lokazzjoni, li ġie ffirmat bejn ir-rikorrenti u l-intimata C. Boffa Company Ltd nhar l-4 ta' Ġunju, 1992, il-fond fuq imsemmi ġie mikri lill-intimata C. Boffa Company Ltd. għal perjodu ta' ħamsa u għoxrin sena dekorribbli mis-16 ta' Awissu 1991. Kopja tal-kuntratt lokatizju qed tiġi annessa u mmarkata: Dok JS 01;

Illi *inter alia* waħda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt lokatizju kienet dik kontenuta fl-artikolu numru 4 fejn ġie eskluż d-dritt li l-intimata C. Boffa Company Ltd. tissulloka jew tassenja l-kirja kemm *in toto* kif ukoll *in parte* tal-fond u minkejja dan l-intimata C. Boffa Company Ltd. kisret din il-kondizzjoni;

Illi *ai termini* tal-liġi u tal-kuntratt lokatizju speċifikament artikolu numru 10 dan l-aġir jintitola r-rikorrenti li jitterminaw l-kuntratt ta' lokazzjoni;

Illi l-intimata The Three D's Company Limited qed tokkupa l-fond fuq imsemmi mingħajr titolu validu fil-liġi;

Illi għalhekk ir-rikorrenti huma ntitolati li jitterminaw il-lokazzjoni tal-fond fuq imsemmi;

Illi ġiet invijata ittra uffiċjali fejn ġie ddikjara x-xoljiment tal-lokazzjoni u ntalbet l-intimata C. Boffa Company Ltd. li tivvaka l-fond, u li ġiet regolarment innotifikata lill-intimata liema baqgħet inadempjenti għat-talba tar-rikorrenti;

Illi għalhekk kellu jiġi ntavolat dan ir-rikors ġuramentat.

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti previa kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li lokazzjoni tal-fond 21/1 Niger Flats, Wilga Street, Paceville iffirmat nhar l-4 ta' Ġunju 1992 hija

xolta bi ksur *inter alia* tal-artikolu numru: 4 u 11 tal-kuntratt ta’ lokazzjoni ta’ l-4 ta’ Ġunju 1992;

2. Tiddikjara li l-intimata The Three D’s Company Limited qed tokkupa l-fond imsemmi mingħajr titolu validu;

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex jiżgumbraw l-istess fond fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom iffissat;

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali interpellatorja kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni, u bir-riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti skond il-Liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti C. Boffa Company Ltd u The Three D’s Company Limited preżentata fit-12 ta’ Diċembru, 2008 li permezz taghha eċċepew illi:

1. Preliminarjament l-azzjoni attriċi, u partikolarment it-tieni talba attriċi, ma jidħlux fil-kompetenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-artikolu 47 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Preliminarjament ukoll iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni odjerna, partikolarment it-tielet talba attriċi, hija insostenibbli, billi ma saritx talba għax-xoljiment tal-lokazzjoni in kwistjoni. Konsegwentement, dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tordna l-iżgumbrament tal-esponenti mill-fond *de quo*, qabel ma tordna, jekk ikun il-każ, ix-xoljiment tal-istess lokazzjoni.

3. Mingħajr pregudizzju għas-suespost u fuq il-meritu, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu respinti, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ attriċi, billi ma huwiex minnu illi sar xi ksur tal-kuntratt ta’ lokazzjoni in eżami, kif ser jirriżulta f’aktar dettall waqt il-ġbir tal-provi f’din il-kawża.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti kif ukoll il-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tagħha tal-25 ta’ Frar 2009 li permezz tagħha il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Mejju 2005 fejn jirriżulta li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni. Huwa ċar għall-Qorti li anke din l-eċċezzjoni hija nfondata. Infatti l-ewwel talba attriċi hija biex il-Qorti *tiddikjara li l-lokazzjoni tal-fond 21/1Niger Flats Wilga Street, Paceville iffirmata nhar l-4 ta’ Ġunju 1992 hija xolta bi ksur inter alia tal-artikolu numru 4 u 11 tal-kuntratt ta’ lokazzjoni tal-4 ta’ Ġunju 1992.*

Ghalhekk is-soċjetajiet konvenuti ma jistgħux jgħidu li l-atturi mhux qed jitolbu x-xoljiment tal-lokazzjoni.

**Għaldaqstant il-Qorti tiċħad it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetjiet konvenuti; l-ispejjeż ta’ din l-istanza a kariku tal-istess soċjetajiet konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------